**Laqgħa Numru 87**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xewkija**

**IS-SEBA LEĠISLATURA**

**14 ta' Frar 2019**

Il-Kunsill Lokali tax-Xewkija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2, Triq Torri Tingi, Xewkija, Għawdex. Il-laqgħa bdiet fl-4.35 ta' filgħaxija.

---

PREŻENTI:

Paul Azzopardi - Sindku

Domenic Zerafa - Viċi Sindku

Hubert Saliba - Kunsillier

Jeanelle Attard -Kunsilliera

ASSENTI B'APOLOĠIJI (skond Ordni Permanenti 14A (3):

George Zammit - Kunsillier

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marion Attard

- Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Paul Azzopardi ippresieda l-laqgħa.

**87.1 Qari ta' l-Ittri ta' apoloġiji;**

87.1.1 Ma kienx hemm ittri ta'apoloġiji mill-Kunsilliera.

**87.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

87.2.1 Il-minuti tal-laqgħa 86 li saret nhar l-Erbgħa 16 ta' Jannar 2019 ġew approvati unanimament mill-Kunsilliera preżenti u iffirmati mis-Sindku u Segretarju Eżekuttiv.

**87.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

87.3.1 Is-Sindku kkomunika li kienet intalbet il-pjanta tax-xelter tal-pjazza lil Fr Joseph Bezzina li kkonferma li pjanta tax-xelter fil-pjazza tax-Xewkija ma kellhomx fl-arkivji. Għalhekk is-Sindku ssuġġerriexxa li jitqabbad il-Perit tal-Kunsill biex din isir minnufih. Is-segretarju ħadet nota ta' dan. Xogħlijiet biex jitnaddaf ix-xelter mit-torba kellhom isiru mill-ħaddiema allokati mal-Kunsill. Peress li bħalissa għaddejjin xogħlijiet ta' tisbiħ fil-pjazza, is-Sindku sostna li dan hu ż-żmien ideali biex isir dan ix-xogħol. Il-membri tal-Kunsill preżenti qablu ma' dan.

87.3.2 Is-Sindku nforma lil Kunsill li l-proċess biex joħroġ it-tender tal-Playingfield kien għaddej ġmielu hekk kif il-perit ikkonċernat kien qed iħejji il-BOQs u l-i*specifications.*

87.3.3 Is-Sindku nforma lil membri tal-Kunsill li x-xogħlijiet ta' *skirting* fuq il-Kunsill kienu lesti kollha u għalhekk kellhu jitnaddaf minnufih ħalli l-Kunsill ikun jista' jimxi għall-post il-ġdid minnufih.

87.3.4 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Ministeru t'Għawdex kien allokka l-ammont ta' €206,000 f'fondi biex isir Triq Santa Eliżabetta li kienet tinsab fi stat ħażin ħafna. Il-membri qablu li din it-triq għandha ssir immedjatament.

87.3.5 Is-Sindku staqsa rigward jekk kienx sar it-Traffic Management fi Vjal Il-Labour. Is-segretarju kkonfermat li kellhom jiltaqgħu fuq il-post uffiċjali minn Transport Malta u ħaddiema li jagħmlu s-sinjali tat-toroq biex jiddiskuttu l-pjanti li qed jippropona l-Perit Shawn Micallef. Is-Segretarju ħadet nota biex terġa' tfakkar lis-Sur Ruben Said biex dan isir minnufih.

87.3.6 Is-Sindku rreferra għaż-żjara li l-membri tal-Kunsill kienu se jagħmlu f'Castelvenere mill-15 sal-20 ta' Frar 2019 flimkien ma' studenti fil-ħames u sitt sena tal-Iskola Primarja

Xewkija. Il-biljetti tal-ajru tal-membri tal-Kunsill u anke tas-*Senior Clerk* kellhom jitħallsu mill-Kunsill. Is-Sindku sostna li jrid li minn din iż-żjara jkun kkonfermat il-parteċipazzjoni tal-ġemellatti fl-Evviva Wine Festival biex b'hekk ikunu jibdew il-preparamenti għal dan l-avveniment. Is-Sindku rreferra għaċ-ċans li l-Kunsill kellhu biex jidħol *partner fl-Assocazione Città Del Vino.* Il-membri tal-Kunsill qablu li l-Kunsill tax-Xewkija għandu jkun parti minn din l-għaqda biex b'hekk insaħħu l-ġemellaġġ u nirriklemaw lix-Xewkija u lil Għawdex. Is-Segretarju stqarret li kienet ser tiċċekja mad-Dipartiment biex tara jekk tridx xi permess min-naħa tad-Dipartiment.

**87.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

87.4.1 Il-Kunsillier Domenic Zerafa ġibed l-attenzjoni li hemm bżonn isir ftit patching fi Triq Gorġun u anke jinqata' l-ħaxix fl-*area* ta' Gorġun. Il-membri tal-Kunsill qablu ma' dan.

87.4.2 Il-Kunsillier Hubert Saliba talab biex il-ħaddiema allokati mal-Kunsill jikinsu wara l-knisja u anke jinqata' l-ħaxix. Is-Segretarju ħadet nota ta' dan.

87.4.3 Il-Kunsillier Hubert Saliba ġibed l-attenzjoni li Triq Tal-Ħorob hemm problema bl-ilma u triq diġa niżżlet. Is-Sindku kkonferma li kien ser jerġa' jkellem lil Perit biex immorru fuq il-post flimkien.

87.4.4 Il-Kunsillier Hubert Saliba reġa' ġibed l-attenzjoni li l-grada ta' ma' San Ġwann Battista kellha bżonn tinbidel peress li kienet spiċċat. Is-Segretarju ħadet nota ta' dan.

**87.5 Approvazzjoni tal-"Unaudited Financial Statements 2018"**

87.5.1 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Financial Statements għas-sena 2018 mingħand l-accountant tal-Kunsill. Il-Kunsilliera approvaw unanimament dan ir-rapport.

**87.6. Approvazzjoni tar-Rapport tal-Evalwazzjoni għat-Tenders tal-Accountant**

87.6 Il-Kunsill approva r-rapport tal-bord tal-evalwazzjoni għat-Tender tal-Accountant.

**87.7 Post ta' *Assistant Principal, post ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv u Ambaxxatur taż-Żgħażagħ***

87.7.1 **Post ta' *Assistant Principal*** Il-membri tal-Kunsill preżenti unanimament approvaw ir-rapport tal-Bord tal-Għażla għall-Ħatra ta' l-Assistent Prinċipali mal-Kunsill Lokali. Fid-

dawl ta' dan ir-rapport, is-Sur Chrismar Xuereb kien qed jiġi maħtur Assistent Prinċipal mal-Kunsill mill-15 ta' Frar 2019.

87.7.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li l-post ta' Deputat Segretarju kien vakant. Fid-dawl ta' dan, il-membri tal-Kunsill unanimament qablu li għandha tinħatar is-Sa Sue-Ellen Bugeja , Segretarju tal-Kunsill Lokali tan-Nadur, f'din il-kariga.

87.7.3 Il-post ta Ambaxxatur taż-Żgħażagħ kien ukoll vakant. Il-membri tal-Kunsill qablu li għandha toħroġ is-sejħa għall-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ b'avviż.

**87.8 Żamma u Manitenzjoni tat-Toroq**

87.8.1 Is-Sindku kkomunika li r-raħal għandu jinqasam f'erba' partijiet għaż-żamma u l-manitenzjoni tat-toroq. Wara li jiġi annalizzat l-aħjar mod kif jinqasam ir-raħal, il-Kunsill għandu jiġbor il-kwotazzjonijiet għall-kull parti tar-raħal. Il-membri tal-Kunsill preżenti qablu ma' dan.

*18.09 Jeanelle ġiet skużata mil-laqgħa.*

**87.9 Korrispondenza u Materji Oħra**

87.9.1 Ċirkulari numru SPI 1/2019 – Inizzjattiva ta' għajnuna għall-korsijiet Lifelong Learning 2019/2020. L-għan huwa li permezz tal-Kunsilli Lokali, iċ-ċittadini jingħataw opportunita ta' tagħlim fil-lokalita tagħhom.

87.9.3 Ċirkulari AKL 2019/012 – L-Assoċjazzjoni ħadet miżura temporanja sabiex tevita li l-Kunsilli li ma setgħux jaħtru DPO jispiċċaw jeħlu multa ta' EUR25,000.00. Dawk il-Kunsilli li ma ħatrux DPO għandhom jagħmlu dan fi żmien tlett xhur.

879..4 Il-Moviment Missjunarju Ġesu fil-Proxxmu ser jorganizza Ikla b'risq l-Ethiopia. Huma talbu lil-Kunsill Lokali biex ikunu jistgħu jużaw Ġnien Blankas għal din l-ikla. Il-membri tal-Kunsill approvaw l-użu ta' dan il-ġnien fl-14 ta' Ġunju 2019.

87.9.5 Is-Sa Yanica Bonnici tixtieq tibda tagħti lezzjonijiet tal-eżercizzji fiżiċi b'xejn fil-lokalita tax-Xewkija. Is-Sa Bonnici saqsiet jekk il-Kunsill tax-Xewkija joffrix faċilitajiet biex isiru dawn il-lezzjonijiet darba f'ġimgħa. Il-Kunsill innota l-kontenut.

87.9.6 Imejl mingħand Maria Zammit mill-Gvern Lokali, b'lista ta' dawk interessati li jservu bħala Segretarji Eżekuttivi fil-Kunsilli Lokali.

87.9.7 Imejl mis-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill lis-Segretarju Ġenerali tas-Soċjeta' Filarmonika Prekursur dwar is-servizz tal-ħriet, qtugħ ta' hedging u żbir ta' siġar fil-ġonna u playing

fields. Is-Sur Borg wieġeb li is-Soċjeta' qed tagħmel l-arranġamenti neċessarji biex jibdew s-servizz ta' kull xahar. Huwa saqsa jekk isirx xi forma ta' kuntratt dwar dan ix-xogħol.

87.9.8 Imejl mingħand Transport Malta fejn il-Kunsill Lokali Ix-Xewkija ġie infurmat li ġie approvat Reserved Parking Bay quddiem id-dar 17, Triq l-Indipendenza.

87.9.9 Talba mis-Sur Teddy Grima li joqgħod 18, Triq il-Ħelsien talab biex isiru Double Yellow Lines quddiem id-dar tiegħu. Il-Kunsill qabel li t-talba tgħaddi għand Transport Malta.

87.9.10 Diversi talbiet mis-Sur Raymond Mercieca biex isiru Double Yellow Lines fi Triq il-Ħelsien u anke fi Triq Ein Karem fejn indikat fuq ir-ritratti peress li ħafna drabi karozzi pparkjati qed jostakolaw it-traffiku. Il-Kunsill qabel li t-talba tgħaddi għand Transport Malta.

87.9.11 Is-Sa Grace Grech li toqgħod Gawferh, Triq tas-Salib talbet biex jitwaħlu żewġ mirja fejn indikat fir-ritratti minħabba s-sewqan eċċessiv. Il-Kunsill qabel li t-talba tgħaddi għand Transport Malta.

87.9.12 Is-Sur Tony Pace talab biex titwessa' t-Triq tal-Loġġa peress li l-parti fejn ma tranġatx it-Triq hi limitata ħafna għal bdiewa li jkunu jridu jgħaddu b'makkinarji biex jaħdmu l-għelieqi tagħhom.

87.9.13 Is-Sur Godwin Attard talab biex jitwaħlu żewġ mirja fi Triq tal-Kanal fejn indikat fir-ritratti. Talab ukoll biex isiru sinjali tat-traffiku minħabba sewqan eċċessiv mal-kisra tat-triq.

87.9.14 Triq ir-Rotunda bżonn urġenti ta manutenzjoni peress li ħafna traffiku għaddej minnha u t-triq, l-parti ta' fejn hi torba, fiha ħafna ħofor. Il-membri tal-Kunsill preżenti qablu li tintefa' torba biex b'hekk jimtlew il-ħofor li hemm peress li din hi triq ġdida li għad trid isir mill-Gvern Ċentrali.

**87.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-Iskeda ta' Pagamenti;**

87.10.1 Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

**87.11 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss.**

87.11.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.36pm. Il-Kunsilliera unanimament qablu li s-seduta li jmiss tal-Kunsill għandha ssir nhar il-Ħamis 21ta' Marzu 2019 fl-4.30pm

Konfermati, illum ______________________

______________________ ______________________

Paul Azzopardi Marion Attard

Sindku Segretarju Eżekuttiv